MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 792/2004

**Perit Carmelo Borg**
**vs**
**Raymond Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta April 2004, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta’ Lm382 illum ekwivalenti ghal Euro 889.82 valur ta’ kisi ta’ rubber membrane fil-proprjeta tal-konvenut gewwa G'Mangia.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 23 ta April 2004 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li allega li x-xoghol esegwit ma kienx tal-kwalita’ pattwita tant illi mill-bidu nett hargu diversi difetti fuq ix-xoghol mahdum. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina x-xhieda mressqa nkluz id-dokumenti esebiti.

Gie ezaminat ukoll ir-rapport peritali nominat minn dan it-Tribunal.

Jigi osservat illi ghalkemm il-partijiet kellhom l-opportunita li jressqu l-osservazzjonijiet finali taghhhom bil-miktub huma naqqsu li jaghmlu dan;

Ikkunsidra.

L-attur spjega kif gie avvicinat mill-konvenuti dwar problemi li kellhom fuq il-bejt ta' water proofing. Minn ezami ta l-istess bejt gie notat li dan kien maghmul minn madum tac-cement iccangjat u li kien jidhol l-ilma minn bejn il-joints. Inghata parir li jintuza liquid membrane li kien jaqbad mal-art, li kien jaghlaq il-cracks u li kien foot traffic. Il-konvenuti accettaw kemm dan il-materjal u kif ukoll l-istima relattiva u ghalhekk il-bejt taghhom gie miksi b'dan il-materjal. Fil-kors tal-applikazzjoni mart il-konvenut talbet sabiex dan il-membrane jitwahhal ukoll fuq il-bejt tal-kamra tat-tarag. L-attur accetta u ta' struzzjonijiet lill-haddiema f'dan is-sens ghalkemm dan ix-xoghol ma kienx inkluz fl-istima originali. Dan ix-xoghol addizzjonali pero baqa ma sarx peress illi mart il-konvenut kienet qed tippretendi li dan isir b'xejn filwaqt li l-attur kien dispost li jithallas biss almenu tal-materjal. Xi ftit tal-gimghat wara li sar ix-xoghol il-konvenut beda jilmenta li l-materjal kien ittebba pero meta dan gie spezzjonat minn haddiem tal-attur irrizulta li l-membrane kien inbarax biss fejn kien qed jinfetah il-bieb tat-tromba peress li kien qed ihokk apparti xi tbajja li kien hemm taht qsari li tpoggew fuq il-bejt.u li t-tbajja kienu qed jigu kawzati mill-ilma u kimika li tnixxi mill-istess qsari. L-attur ighid li hu stess ghamel tali kostatazzjonijiet meta acceda fuq l-istess bejt. Il-konvenut baqa jirrifjuta li jhallas tax-xoghol originali li sar (Dok CB 1 ) miftiehem bejniethom nonostante li l-attur offra li jithallas biss tal-materjal u mhux tax-xoghol fejn kien ser jirranga l-partijiet tat-tbajja.

In kontro-ezami l-attur jafferma li l-valur tal-materjal sabiex jitrangaw it-tbajja huwa ta madwar Lm74.

L-istima originali kienet mahduma fuq kejl mehud minn hu l-attur certu Peter Paul Borg, li kkonferma l-istess bil-gurament u kif ukoll li l-istess kienet giet accettata mill-konvenut. Meta dan ix-xhud acceda fuq il-bejt tal-konvenuti in segwitu ta’ l-ilment taghhom, Peter Paul Borg ikkonstata li l-membrane kellu l-brix fejn kien jinfetah il-bieb tal-bejt peress li dan kien ihokk mieghu u kif ukoll xi qtar fejn kien hemm il-qsari. Fil-bnadi l-ohra kollha, l-membrane imqieghed fuq il-bejt kien kollu ntatt.

Dan ix-xhud kien ha l-kejl tal-bejt biss li ma kienx jinkludi kwindi l-arja tal-veranda u tal-bejt tat-tromba tat-tarag.

In kontro-ezami dan ix-xhud stqarr li huwa kien avza lill-konvenuti sabiex ma jaghmlux uzu mill-bejt ghal tliet ijiem halli jilhaq joqghod u kif ukoll sabiex itellghu l-bieb tal-bejt sabiex ma jibqax ihokk.

Illi in vista tan-natura tal-eccezzjonijiet imressqa dan it-Tribunal innomina lil Perit Valerio Schembri sabiex jirrelata fuq it-talba attrici wara li jiehu in kunsiderazzjoni u jevalwa l-kontestazzjoni tal-konvenut. Illi difatti il-verzjoni moghtija mill-konvenut dwar il-kontestazzjoni tieghu tresqet u nstemghet quddiem l-istess Perit Tekniku.

Illi minn ezami tar-rapport tekniku ghandu jirrizulta li l-ilment mressaq mill-konvenut ma jinsabx sostanzjat adekwatament u li l-unika hsara li seta jigi konstatat fuq il-membrane kien il-brix riskontrat li jiswa madwar Lm30 biex tirrangah.

Illi rrizulta wkoll pero li tali brix kien kawzat mill-bieb tal-bejt tal-istess konvenut li kien qed jehel mieghu u mhux minn xi nuqqas da parti tal-attur jew tal-materjali minnu supplit u applikat.

Illi oltre dan it-Tribunal ma jsib ebda raguni il-ghala ghandu jiddisturba l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess Perit Tekniku u kwindi qed jabbraccja l-istess prevja dak li gie osservat hawn fuq.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jilqa’ t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta’ Ewro 889.82 (tmien mija u disgha u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------